Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Numru: 232 / 2017

Il-Pulizija

(Spettur Joseph Mercieca)

vs

Paul Spagnol

Omissis

Illum, 11 ta' Dicembru, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Paul Spagnol, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 423584 (M) u Omissis, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-23 ta' Ġunju 2010 u/jew fix-xhur ta' qabel u/jew wara din l-istess data:

1. Għamlu atti ta' money laundering billi:-

a) ikkonvertew jew ittrasferixxew proprjeta` meta kienu jafu jew setgħu ssuspettaw li dik il-proprjeta` kienet direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta' , attivita` kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f' attivita kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaga b' oħra ta' l-oriġini tal-proprjeta' jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni nvoluti jew konċernati f' attivita' kriminali;

b) ħbew jew urew ħaġa b' oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta`, meta kienu jafu jew setgħu ssuspettaw li dik il-proprjeta` kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita` kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f' attivita' kriminali;

c) akkwistaw proprjeta' meta kienu jafu jew setgħu ssuspettaw li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f' attivita' kriminali;

d) irritenew mingħajr skuża raġonevoli proprjeta' meta kienu jafu jew setgħu ssuspettaw li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f' attivita' kriminali;

e) ittantaw jagħmlu l-ħwejjeġ jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

f) aġixxew bhala kompliċi fit-tifsir ta' l-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9, rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) tal-Artikolu 2 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Ippromovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw għaqda ta' żewġ persuni jew aktar bil-ħsieb li jagħmlu reat kriminali li għalihom jistgħu jeħlu l-piena ta' priġunerija għal żmien erba' snin jew iktar;

3. Appartjenew għall-għaqda msemmija fis-subartiklu (1) tal-Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

PAUL SPAGNOL WAĦDU ġie akkużat ukoll talli bejn is-6.30 ta' filgħaxija nhar il-21 ta' Ġunju, 2010 u l-10.30 ta' bil-lejl, nhar it-23 ta' Ġunju, 2010 minn ġewwa l-fond Lancaster House fi Triq Castelletti, Sliema, flimkien ma Joseph Camilleri u/jew ma persuna/i oħra mhux magħrufa:

4. Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, l-iktar ġojjellerija, kif ukoll flus kontanti w oġġetti oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa w għoxrin Euro u sebgħa w tletin ċentezmu (€2329.37), bil-lok u bil-ħin, u li sar għad-detriment tas-sinjorina Dorothy Trapani Galea u/jew ta' xi persuna/i oħra;

5. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament, ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobbli, u ċioe' il-bieb ta' barra ta' l-istess fond u/jew xi aperturi oħra interni, kif ukoll xi għamara, liema ħsara ma tiskorrix l-elf mija w erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċentezmu (€1164.69), imma iżjed minn mija u sittax il-Euro u sebgħa w erbgħin ċentezmu (E116.47) ai terminu ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema ħsara saret għad-dannu tas-sinjorina Dorothy Trapani Galea u/jew ta' xi persuna/i oħra;

PAUL SPAGNOL WAĦDU ġie akkużat ukoll talli f' dawn il-Gżejjer, fit-23 ta' Gunju, 2010, u/jew fix-xhur ta' qabel u/jew wara din l-istess data:

6. Assoċja ruħu ma xi persuna jew persuni, f' Malta jew barra minn Malta, bil-għan li jagħmel delitt f' Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, u li ma hux delitt taħt l-att dwar l-Istampa;

7. Talli f' dawn il-gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b' qerq, jew akkwistati b' reat, u cioe' kwantita' ta' ġojjellerija, li tiswa iktar minn elfejn, tlett mija u disgħa w għoxrin Ewro u sebgha u tletin ċentezmu (€2329.37);

8. talli kiser il-provedimenti ta' l-Artiklu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta li kien ġie impost fuq l-imputat permezz ta' sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (maġistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D.) nhar l-10 ta' Marzu, 2010;

9. Ukoll, talli f' dawn il-Gżejjer, naqas milli jħares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qrati ta' Malta wara li, f'iktar minn okkażżjoni waħda,

huwa ngħata il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix reat/i ta' natura volontarja;

10. Fl-aħħarnett, akkużat ukoll talli rrenda ruhu reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li huwa ġa ġie misjub ħati permezz ta' diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet gentilment mitluba sabiex, f' kaz ta' ħtija, tipprojbixxi lill-akkuzati milli jittrasferixxu, jagħtu b' rahan, jew xort' ohra jiddisponu minn xi proprjeta` mobbli jew immobli, ai termini ta' l-Artikolu 5(1)(b) ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll hekk kif applikat ai termini ta' l-Artikolu 23A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9, tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet wkoll ġentilment mitluba sabiex tinnomina espert sabiex jagħmel inventarju tal-proprjeta' kollha, skond kif deskritta fl-Artikolu 2 tal- Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373, tal-Liġijiet ta' Malta, li tappartjeni liz-żewġ imputati odjerni.

Oltre minn hekk, il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex, f' kaz ta' ħtija, tikkundanna lill-imputati għal ħlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitlu 9, tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' April, 2017 fejn il-Qorti fil-konfront tal-imputata Omissis ma sabitiex hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u minnhom illiberatha.

Fil-konfront tal-imputat Paul Spagnol, sabet lill-imputat hati biss tal-akkuza numru sebgha (7) migjuba fil-konfront tieghu dwar ricettazzjoni u billi kienet tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi ai termini tal-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qedghdet lill-imputat taht Ordni ta'

Probation ghall-perijodu ta' tlett (3) snin mil-lum, liema ordni huma suggetti ghall-kundizzjonijiet elenkati fid-Digrieti moghtija u annessi ma' din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat bi kliem car u li jiftiehem, l-effetti tal-ordnijiet ta' probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f' kaz li jonqos milli jikkonferma ruhu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kundizzjonijiet u/jew f' kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reat li tieghu instab hati b' din is-sentenza.

Ai termini ta l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation moghtija b' Digrieti ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex jassenja ufficjal/i tal-probation biex ikun/u responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputati Paul Spagnol.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 11 tal-Kap 446 qieghdet lil Paul Spagnol taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita` billi jaghmel xoghol bla hlas fil-massimu li tipprovdi l-ligi ghall-erba' mija u tmenin (480) siegha f' dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, u bil-kundizzjonijiet kollha l-ohra msemmija fid-digriet anness.

Din l-ordni saret wara li l-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-import ta' din l-ordni u qaltlu x' inhuma l-konsegwenzi jekk huwa ma' joqghodx ghall-kundizzjonijiet ta' din l-ordni.

Il-Qorti ordnat notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole u irrakomandat li Paul Spagnol ikun assenjat xoghol mal-Fondazzjoni Rise taht id-direzzjoni ta' Fr Franco Fenech.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu pprezentat fil-5 ta' Mejju, 2017 fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha tirriforma is-sentenza appellata fis-sens illi :

a. tikkonfermaha :

   i. fejn ma sabitx lill-imputata Omissis ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha;
   ii. fejn ma sabitx lill-imputat Paul Spagnol ħati tal-imputazzjonijiet numru wieħed (1), tnejn (2), tlieta (3), erbgħa (4), ħamsa (5), sitta (6) u disgħa (9) miġjuba kontra tiegħu;
   iii. fejn sabet lill-imputat Paul Spagnol ħati tas-sebgħa (7) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu;

b. tirrevokaha u tħassarha fil-kumplament tad-decide tagħha, inkluż dik il-parti fejn ordnat li l-imputat Spagnol jitqiegħed taħt ordni ta' probation għall-perjodu ta' tliet snin u fejn ordnat li l-imputat Spagnol jitqiegħed taħt ordni ta' servizz fil-komunita;

c. minflok għar-raġunijiet fuq premessi:

   i. issib lill-Paul Spagnol ħati ukoll tat-tmien (8) u l-għaxar (10) imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu;
   ii. tinfliġġi l-piena idoneja kontra l-imputat appellat skond il-liġi u
   iii. tikkundannah għall-ħlas lir-Reġistratur tal-ispejjeż kollha li għandhom x' jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti f' dawn il-proċeduri.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-esponent irċeva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, illiberat lill-imputat Paul Spagnol mill-imputazzjonijiet numru tmienja (8) u għaxra (10) miġjuba kontrih u ma kkundannatux għall-ħlas tal-ispejjeż ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

a. Il-ksur tal-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta

Illi permezz tal-imputazzjoni numru tmienja (8), l-imputat qua appellat Paul Spagnol ġie akkużat talli kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta li kien ġie mpost fuqu permezz ta' sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-10 ta' Marzu 2010. Illi għalkemm fis-sentenza appellata l-Qorti rriteniet fil-konsiderazzjonijiet tagħha li :- *".. fid-deċiżjoni tagħha qieset li l-imputat .... kiser ordni tal-Qorti moghtija permezz tal-artikoli 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta."*[1] , madanakollu fil-parti tad-decide hija naqset milli ssib ħtija fuq it-tmien (8) imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat u ma proċedietx fil-konfront tiegħu għal dan il-ksur.

Meta wieħed iqis li l-appellat Paul Spagnol instab ħati tal-imputazzjoni numru sebgħa (7), jiġifieri talli fit-23 ta' Ġunju 2010 u/jew fix-xhur ta' qabel u/jew wara din l-istess data xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b' qerq jew akkwistati b' reat u cioe' kwantita ta' ġojjellerija li tiswa aktar minn elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu, wieħed jara li l-imputat kellu jinsab ħati ukoll tat-tmien (8) imputazzjoni. Illi dan qiegħed jingħad stante li mis-sentenza eżebita a fol 220 tal-atti proċesswali jirriżulta li nhar l-10 ta' Marzu 2010 Paul Spagnol kien ġie misjub ħati talli kkommetta ħsara volontarja bi ksur tal-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u talli kkaġuna feriti ta' natura ħafifa bi ksur tal-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u kien ġie liberat bil-kondizzjoni li ma jikkomettix reat ieħor sa żmien tmintax (18)-il xahar mid-data tas-sentenza. Illi għaldaqstant jirriżulta ampjament ippruvat li l-appellat ikkometta reat ieħor ftit żmien biss wara li ngħatat is-sentenza suriferita u allura entro l-perjodu operattiv tal-istess sentenza u għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati kellha ssibu ħati ta' din l-imputazzjoni u titratta miegħu għal dan il-ksur.

Illi għandu jiġi rilevat ukoll għal kull buon fini li ġjaladarba l-Qorti tiġi sabiex titratta mal-appellat għall-ksur tal-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta kif hawn fuq espost, il-Qorti ma tistgħax tqiegħed lill-ħati taħt sanzjoni komunitarja u dan għaliex din is-sanzjoni hija espressament prekluża mill-liġi. Illi l-Artikolu 23(2) tal-Kap 446 jipprovdi f' dan ir-rigward li :-

---

[1] Vide fol 33 u 34 tas-sentenza

*(2) Bla ħsara għad-disposizzjoni tas-subartikolu (3),* ***meta persuna tiġi ttrattata ghar-reat li dwaru*** *tkun tqegħdet taħt probation b' ordni ta' servizz fil-komunità, jew b' ordni ta' probation u servizz* ***jew tkun ġiet kondizzjonalment liberata****, jew* ***il-qorti ma tkunx tista' tqieghed lill-hati taħt sanzjoni komunitarja jew tagħmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1)****."*

Illi għaldaqstant il-piena mposta fuq l-appellat għandha tassativament tkun waħda ta' priġunerija. Illi dan il-punt ġie trattat fis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija –vs- Kevin Chircop**[2] fejn il-Qorti kienet laqgħet l-appell tal-Avukat Ġenerali u rritieniet li :-

*"Din il-Qorti jidhrilha illi l-Avukat Ġenerali għandu raġun fl-appell tiegħu. L-artikolu 23(2) tal-Kap. 446 jipprovdi li meta persuna tkun tqiegħdet taht probation jew ġiet kondizzjonalment liberata ma tkunx tista' titqieghed taħt sanzjoni komunitarja. Dan l-artikolu huwa car u ma jagħtix lok ghal interpretazzjoni. L-ewwel Qorti ma setghetx tikkundanna lill-appellat Kevin Chircop ghal servizz komunitarju u terminu ta' prigunerija effettiva kellha tkun tassattiva."*

Illi għaldaqstant fl-umli fehma tal-esponent in vista ta' dak kollu suespost, l-Qorti tal-Maġistrati kellha ssib lill-imputat appellat ħati ukoll tat-tmien (8) imputazzjoni u timponi fil-konfront tiegħu piena komplessiva ta' priġunerija skond il-liġi.

b. Ir-reċediva

Illi permezz tal-imputazzjoni numru għaxra (10), l-imputat qua appellat Paul Spagnol ġie akkużat ukoll talli rrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li ġie misjub ħati permezz ta' diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula. Illi għal darba oħra għalkemm fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Maġistrati tirritjeni fil-konsiderazzjonijiet tagħha li :- *".. fid-decizjoni tagħha qieset li l-imputat .... huwa reċediv"*[3] , madanakollu fil-parti tad-decide hija naqset milli ssib ħtija fuq l-għaxar (10) imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat. Illi din l-imputazzjoni ġiet

---

[2] 6 ta' Dicembru 2012
[3] Vide fol 33 u 34 tas-sentenza

ampjament pruvata kemm permezz tal-fedina penali ferm refrattarja tal-imputat eżebita a fol 15 sa 52 tal-atti proċesswali kif ukoll permezz ta' numru ta' sentenzi eżebiti a fol 206 et seq tal-atti proċesswali.

c. Artikolu 533 tal-Liġijiet ta' Malta

Illi t-tielet aggravju tal-esponent jirrigwarda l-fatt li l-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza tagħha ma kkundannatx lill-persuna misjuba ħatja għall-ħlas tal-ispejjeż ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-esponent jirrileva li l-Qorti kienet ġiet mitluba sabiex f' kaz ta' ħtija tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533. Illi minn ezami tas-sentenza suriferita mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati, jirriżulta li ghalkemm il-Qorti tal-Maġistrati kellha din it-talba quddiemha u minkejja li l-esponent għal kull buon fini ndika ukoll dan l-Artikolu fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju eżebita a fol 663 tal-atti proċesswali, l-istess Qorti naqset li tikkundanna lill-persuna misjuba ħatja għall-ħlas tal-ispejjeż ai termini tal-istess Artikolu.

Illi l-Artikolu 533 jistipula li *"il-Qorti **għandha** meta tagħti s-sentenza jew f' kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati jew ħatjin … għall-ħlas lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x' jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri … f' dak iż-żmien u f' dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni"*

Illi għaldaqstant l-esponent jirrileva li din l-Onorabbli Qorti kellha tikkundanna lill-ħati Paul Spagnol għall-ħlas lir-Reġistratur tal-ispejjeż kollha li għandhom x' jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew tal-periti f' dawn il-proċeduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

L-Ewwel Qorti permezz tas-sentenza tad-dsatax (19) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) sabet lill-appellat hati tal-akkuza numru sebgha (7) biss migjuba fil-konfront ta' Paul Spagnol u cioe' dik dwar ricetazzjoni u qeghdet lill-appellat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin minn dak in-nhar tas-sentenza. In oltre' bl-applikazzjni tal-artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qieghdet lil Paul Spagnol taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita' billi jaghmel xoghol bla hlas fil-massimu li tipprovdi l-ligi ghal erba' mija u tmenin (480) siegha f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, u bil-kundizzjoni misjuba fid-digriet anness mas-sentenza.

Fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) quddiem din il-Qorti, Dr Montalto talab sabiex qabel ma ssir it-trattazzjoni relatata ma' dan il-kaz, il-Qorti tisma' lil Probation Officer Charlet Fabri li kienet nominata, dan peress li l-appellant ikkontenda li s-sentenza appellata kienet ezegwita.

Il-Probation Officer **Charlet Fabri** xehdet fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019) quddiem din il-Qorti fejn spjegat li hi bdiet issegwi lil Paul Spagnol fuq is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fid-dsatax (19) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017). Xehdet li hu jzomm l-appuntamenti regolari u x-xoghol fil-komunita' beda jitwettaq iktar tard billi dak iz-zmien kien prigunier. Xehdet li fl-ahhar sena wettaq mija u tmienja u tmenin (188) siegha f'Dar Patri Leopoldu l-Gzira u ikkonfermat li huwa sodisfazzjon assolut ta' min huwa nkarigat. Spjegat ukoll li l-*urines* li ttiehdu kienu ta' spiss hafna u dejjem kienu clean. Qalet li minn naha taghha jikkopera hafna. Il-hajja kienet stabbli, li fil-prezent hemm daqsxejn aspetti familjari li qed jiskalaw ghalhekk bhalissa hemm daqsxejn tensjoni. Kien qieghed jghix hajja ta' bzulija, f'mument minnhom kellu jieqaf minhabba affarijiet li kellu jiehu hsiebhom iktar b'mod immedjat u fil-prezent anke kif jinstab fil-qaghda tieghu jidrilha li waqaf jahdem minhabba incident li kellu fejn milli qalilha hu safa attakat mill-familjar tal-ex tieghu u kellu anke jaghmel operazzjoni. Il-proceduri kriminali ghandhom jibdew ghax sar milux, dan ix-xahar stess.

L-appellat **Paul Spagnol** xehed quddiem din il-Qorti fis-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) fejn ikkonferma li nghata sentenza mill-Qorti tal-

Magistrati fejn kellu jaghmel erba' mija u tmenin (480) siegha jahdem fil-komunita. Qal li minn meta qabditu l-Probation Officer u l-Qorti biex jaghmel il-Community Work imur kull nhar ta' Sibt jaghmel seba' (7) sieghat fejn jaghmel maintenance il-Gzira Dar Leopoldo. Spjega li jekk is-Superjur il-kbir jinqalalu accident matul il-gimgha icempillu u jmur xorta. Huwa kkonferma li sa Lulju kien ghamel mija u tmienja u tmenin (188) u minn Lulju sad-data tax-xhieda tieghu u cioe' sas-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) kull nhar ta' sibt jaghmel seba' (7) sieghat. Jassumi li baqalu xi mija u xi haga il-siegha izda ma jafx ezatt.

Spjega ukoll li kien imur ghand il-Probation Officer il-Marsa, kien imur kull gimgha biex jaghtiha l-urines ghax kien qieghed bil-parole u ghaddieha u ghadu jsegwiha u issa jmur kull hmistax (15)-il jum, kull gimghatejn. Meta jkollu xi haga per ezempju fuq it-tfal peress li ghaddej minn separazzjoni, imur jitkellem maghha.

Din is-sentenza hija limitata ghall-eccezzjoni preliminari tal-appellat Paul Spagnol li jikkontendi li s-sentenza appellata kienet ezegwita.

Mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Charlet Fabri, jirrizulta li sat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019) l-appellat Paul Spagnol kien diga skonta mija u sebgha u sebghin (177) siegha jigifieri aktar minn nofs is-sieghat li huwa gie ordnat biex jaghmel bhala xoghol fil-komunita'. In oltre' jirrizulta li ghaddew ghadda zmien sostanzjali mid-decizjoni tal-Ewwel Qorti fejn l-appellat kien tpogga taht Ordni ta' Probation ghal tlett (3) snin. Din il-Qorti sejra ghalhekk tqis jekk il-fatt li l-appellant gia skonta parti kbira mill-piena inflitta fuqu mill-Ewwel Qorti, jistax issa f'dan l-istadju f'kaz li jintlaqa' l-appell tal-Avukat Generali, jigi soggett ghal piena ohra u ghalhekk apparti li jkun skonta piena jew parti minnha imposta mill-Ewwel Qorti, ikun kostrett li jiskonta piena ohra li tkun imposta mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs Francis Stephen Galli'</u>**[4] fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset li:

'*Fl-appell tieghu l-Avukat Generali jindika illi fl-4 ta' Ottubru 2012 l-appellat kien ikkundannat ghal terminu ta' prigunerija ta' disa xhur sospizi ghal tlett snin. Fl-4 ta' Gunju*

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Marzu, 2016 (Appell Numru: 480/2014)

*kien ikkundannat ghal-terminu ta' xahar prigunerija sospiz ghal-sena. Issa, minkejja li l-Avukat Generali ghandu ragun ukoll anke f'dan l-aggravju, l- artikolu 28B(2)(b) jaghti s-setgha lill-Qorti li testendi t-terminu originali impost mill-Ewwel Qorti effettivament billi tibdel l-ordni originali maghmul fis-sahha tal- artikolu 28A(1) billi minflok il-perjodu operattiv hemm specifikat taghmel perjodu li jkun jiskadi mhux aktar tard minn erba' snin mid-data tal-bdil. Issa, din il-Qorti hasbet fit- tul dwar dan u tqis illi* ***<u>llum l-gurnata l-appellat gia skonta t-terminu ta' prigunerija ta' disa xhur mertu tas-sentenza appellata u dan peress illi l-appell tal- Avukat Generali ma jissospendix l-esekuzzjoni tas-sentenza bhal fil-kaz meta imputat jitlob tali sospensjoni sabiex ikun jista' jinterponi appell.</u>*** *Appena din il-Qorti tikkomina l-piena gusta dwar l-ewwel imputazzjoni, l-appellat gia ser ikollu jerga jkun inkarcerat u dan gia ser ikollu element punittiv fuq l-appellat. Fl-istess waqt, u ghaliex b'hekk l-appellat gia ser ikun punit ulterjorment, din il-Qorti ikkontemplat bdil fil-perjodu ta' sospensjoni emergenti mis-sentenza tal-4 t'Ottubru 2012 izda dan mhux possibbli. Dan ghaliex f'dik is-sentenza li ghaddiet in gudikat, l-appellat qatt ma seta jinghata tali piena ta' prigunerija sospiza la darba kien ukoll imputat bl-addebitu tar-recidiva. Ghal precizzjoni ukoll, ghalkemm l-Avukat Generali jirreferi ghal-kommissjoni ta' reat waqt perjodu operattiv ta' "zewg sentenzi", l-imputazzjoni titkellem biss dwar sentenza wahda minghajr ma tirreferi ghal wahda specifika. Issa fis-sentenza tal-4 ta' Gunju 2013 ma kien hemm l-ebda addebitu ta' recidiva u ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi sabiex tirrendi effettiv dak it-terminu ta' xahar prigunerija u mhux id-disa' xhur sospizi tramite s-sentenza tal-4 ta' Ottubru, 2012.'* (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Ghalhekk f'dik is-sentenza, il-fatt li l-appellat kien gia skonta il-piena imposta mill-Ewwel Qorti ma prekludiex lil Qorti tal-Appell Kriminal milli tqis l-appell tal-Avukat Generali u tirrevoka il-piena u tikkundanna lill-appellat ghal piena ohra skont il-ligi. Ordnat li mit-terminu ta' prigunerija ordnat minna ghandu jitnaqqas l-ammont ta' zmien ta' prigunerija li l-appellat gia skonta in esekuzzjoni tas-sentenza appellata.

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Edel Mary Camilleri) Vs Wayne Zammit'</u>**[5] gie kkunsidrat li:

'*Ma jistghax ma jkunx notat ukoll id-diffikulta enormi li l-hati jkun soggettat ghalih meta,*

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Jannar, 2017 (Appell Numru: 396/2015)

*bhal fil-kaz odjern, ikun skonta it-terminu ta' prigunerija impost mill-ewwel Qorti, fejn jista' jghati l-kaz li wara l-iskarcerament tieghu ikun sab xoghol u beda hajja gdida u issa jkollu jerga jiffaccja l-habs ghall-kumplament tal-piena. Din il-Qorti ghalhekk tissollecita aktar attenzjoni minn din l-ewwel Qorti ghal adezjoni aktar akkurata mal-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 li wara kollox ma jirrikjedi xejn ghajr tlett rekwiziti semplici ghal-ghoti ta' sentenza valida: il-fatti li dwarhom tinsab htija, il-piena u l-artikoli tal- Kodici Kriminali jew ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;'*

F'din is-sentenza, il-Qorti wara li annullat is-sentenza tal-Ewwel Qorti, qieset l-ammissjoni tal-appellat u ghaddiet biex tqis il-piena li kellha tigi inflitta.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Bernard C. Spiteri) vs Julian Calleja'**[6] gie kkunsidrat li:

*'13. Il-Qorti tagħmilha ċara li fiċ-ċirkostanzi tal-każ din il-Qorti kienet f'dan il- każ timponi piena ta' priġunerija effettiva li kieku ma kienx għall-kunsiderazzjonijiet segwenti, għaliex l-imputat appellat ma jistax jibqa' jippretendi li jiġi trattat b'mod indulġenti mill-qorti meta huwa ripetutament wera li dik l-induġenza ma japprezzahiex u anzi b'għemilu wera li jiddisprezzha.*

*14. B'danakollu, **din il-Qorti hi llum rinfaċċjata b'sitwazzjoni fejn l-imputat ġia skonta mitt siegħa ta' servizz fil-komunitá peress illi skont il-liġi l-appell tal-Avukat Ġenerali ma jissospendix l-esekuzzjoni tas-sentenza tal- ewwel Qorti li effettivament, limitatament għar-rigward tal-ordni ta' servizz fil-komunitá, ġiet ġiá esegwita. Bħala konsegwenza ta' dan kollu din il-Qorti hi tal-fehma li ma hix aktar f'pożizzjoni li tista' tħassar dik il- parti tal-ordni ta' probation u ta' servizz li titratta s-servizz fil-komunitá iżda ser tieħu in kunsiderazzjoni l-fatt li l-imputat appellat ta dak is- servizz lill-komunitá meta tiġi sabiex tistabilixxi l-piena skont il-liġi għall- ħtija tiegħu**.'* (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Robert Said Sarreo) vs Willton Gatt Aidon Degiorgio'**[7] gie kkunsidrat li:

*'Wara li rat il-fedina penali nadifa ta' Aidon Degiorgio, tqieghdu taht Ordni ta' Probation ghal-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum b'dan illi stante li gia ghaddew sentejn mis-sentenza li*

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Mejju, 2015 (Numru: 268/2014)
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Settembru, 2017 (Appell Numru: 403/2015)

*biha kien tqieghed taht Ordni ta' Probation u li l-appell tal-Avukat Generali ma jissospendix l- esekuzzjoni tas-sentenza, l-appellat gia ghamel sentejn soggett ghal din l-ordni u b'hekk ghandu jitqies li l-ordni jibqa' fis-sehh u jintemm fit-13 t'Awissu, 2018;*'

Issir referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. Priscilla Caruana) vs Anthony Grech Justine Zammit**'[8] fejn gie kkunsidrat li:

'*8. Id-decizzjoni tal-ewwel Qorti li titratta mal-appellati billi terga tqieghdhom fuq Ordni ta' Probation ghalhekk hija valida biss kwantu l-imputazzjonijiet numru 1 sa 6. Din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti in rigward sia ghaliex dik id-decizzjoni kienet wahda permessa mil-ligi, kienet radikata mill-progress registrat mill-hatja, kif ukoll li tenut li l-appell tal-Avukat Generali ma jissospendix l-esekuzzjoni l-appellati gia skontaw sentejn mill-perjodu ta' tlett snin probation;*'

Fl-istess sentenza, gie deciz li:

'*Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa' t-talba ghar-riforma tas-sentenza appellata u dan billi tikkonfermaha f''dik il-parti fejn l-ewwel Qorti sabet htija fl-appellati dwar l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom; tikkonfermaha f'dik il-parti fejn qieghdet lill-appellati fuq Ordni ta' Probation ghal- perjodu ta' tlett snin biss kwantu din tolqot l-imputazzjonijiet 1 sa 6; thassarha f'dik il-parti fejn qieghdet lill-appellati fuq ordni tal- probation ghall-perjodu ta' tlett snin kwantu is-seba imputazzjoni u dwar dan tordna li l-atti jkunu rinvjati lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex titratta mal-appellati dwar il-ksur tal-Ordni ta' Probation moghti b'sentenza ta' dik il-Qorti (per Magistrat Dr. A. Micallef Trigona) fid-9 t'Awissu 2011.*'

Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur James Grech) vs Glenn Gatt Luca Scicluna**'[9] fejn il-Qorti iddeciediet li:

'*lli din il-Qorti hadet kont tal-fedina penali tal-appellati kif ukoll tal-fatt illi mid- data tas-sentenza prolatata mill-Ewwel Qorti, gia ghaddew hmistax-il xahar mit- tmintax-il xahar tat-terminu ta' liberazzjoni b'kondizzjoni skond l-Kap 446 fil- konfront ta' Luca Scicluna u hmistax-il xahar mit-tlett snin ordni ta' probation kif ukoll jidher li gia skonta jekk mhux ghal-kollox il-50 siegha xoghol fil-komunita Glen Gatt. U dan ghaliex skond il-Kodici Kriminali, l-appell tal-Avukat Generali ma jissospendix l-esekuzzjoni tas-sentenza bhalma*

8 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Settembru, 2017 (Appell Numru: 401/2015)

9 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Jannar, 2016 (Appell Numru: 424/2014)

*jigri meta jappella l-hati. Qieset ukoll illi l-Avukat Generali donnu jaqbel illi fic-cirkostanzi partikolari tal- kaz l-appellati ghandhom jnghataw il-piena tal-multa;* '

Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-fatt li l-appellat gia skonta parti sostanzjali mill-piena imposta fuqu mill-Ewwel Qorti ma jipprekludix lil din il-Qorti milli tqis l-appell tal-Avukat Generali bil-possibilta' li s-sentenza tigi revokata f'partijiet minnha inkluz il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti u li tigi imposta piena ohra skont il-ligi jekk ikun il-kaz. Din il-Qorti lanqas ma hija prekluza milli tannulla s-sentenza appellata jekk ir-rekwiziti imposti mill-ligi ghal validita' ta' sentenza ma jkunux gew rispettati. Naturalment din il-Qorti hija tal-fehma li l-fatt li l-appellant gia skonta parti sostanzjali mill-piena u dan tenut kont tal-fatt li l-appell tal-Avukat Generali ma jissospendix l-ezekuzzjoni tas-sentenza, f'kaz li kellu jintlaqa' l-appell tal-Avukat Generali, dan il-fatt ghandu jittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi applikata.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tichad l-eccezzjoni preliminari tal-appellant u tordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-appell.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur